TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 88/16/GB

**Nicholette Grech**

**vs**

**Victor Galea ezercenti l-kummerc bhala Tiles & Marbles**

Illum 15 ta' Gunju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' April, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija tmienja u tletin Ewro (€138.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset lil terza persuna ghat-tqeghid ta' madum, liema madum kien inxtara minghand l-intimat u fuq ammissjoni ta' l-intimat stess, kien difettuz.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat madum *handmade* minghand l-intimat u meta saret il-konsenja, hija hallset il-bilanc kollu. Ir-rikorrenti nnotat li l-madum l-abjad kien ta' diversi kuluri. L-intimat kien qal lir-rikorrenti, quddiem Peter Baldacchino u Paul Attard, li meta l-madum jitwahhal u jinghorok, kien ha jigi ta' l-istess lewn. Minkejja li r-rikorrenti ma kienitx kuntenta, l-intimat insista fuq il-verzjoni tieghu, u fuq il-parir tieghu l-madum twahhal u beda jinghorok. Il-madum, pero' baqa' l-istess u l-intimat gie kkuntattjat sabiex imur jara l-madum. Wara hafna sforzi, l-intimat mar fuq il-post u xi granet wara, qal lir-rikorrenti li kien se jmur jaqalghu, jaghti madum gdid lir-rikorrenti u jhallasha tat-tqeghid, ghaliex kien hem zball fit-tahlita tal-madum.

L-ammont tat-tqeghid huwa ta' mija tmienja u tletin Ewro (€138.00), u minkejja l-fatt li l-intimat ammetta li l-madum kien difettuz u fil-fatt biddlu, ir-rikorrenti baqghet qatt ma thallset ghat-tqeghid mill-intimat, hekk kif kien ftiehem li kien se jhallasha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub, u ghalhekk baqa' kontumaci.

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet zewg dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.NC1 u Dok.NC2; flimkien ma' kopja ta' ittra legali li hija rceviet minghand l-intimat, b'*cheque* anness ghall-ammont ta' tmienja u tletin Ewro (€38.00), li giet immarkata bhala Dok.NC3.

Xehed Peter Baldacchino, prodott mir-rikorrenti.

Xehed Paul Attard, prodott mir-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentax ir-risposta tieghu bil-miktub ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li sema' l-provi, jikkonkludi illi kien hemm nuqqas ta' servizz da parti ta' l-intimat, u ghalhekk, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mija tmienja u tletin Ewro (€138.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**